## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **838/2021**

## ARETROP LIMITED (C49725)

**VS**

## FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA U L-HON. DR. JUSTYNE CARUANA

**FIL-VESTI TAGĦHA TA' MINISTRU TAL-EDUKAZZJONI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali sabiex l-intimati jiġu dikjarati debituri tas-soċjeta' rikorrenti, u jiġi likwidat l-ammont dovut lill-istess intimati, rappreżentanti

xogħol li sar mis-soċjeta' rikorrenti fuq inkarigu tal-intimati, u għall-bejgħ u konsenja ta' għamara speċjalizzata f'diversi skejjel.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'Awwissu 2021, is-soċjeta' rikorrenti **<u>Aretrop Limited</u>** ippremettiet:

   a. *Illi s-soċjeta' rikorrenti ngħatat diversi inkarigi minn l-intimati liema inkarigi kienu jikkonsistu f'bejgħ u konsenja ta' għamara speċjalizzata biex tintuża fi skejjel u wkoll żewġ proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' kostruzzjoni kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża fl-ismijiet premessi;*

   b. *Illi l-fornituri tal-għamara speċjalizzata għall-iskejjel saret ġewwa l-Kulleġġ ta' San Tumas Moore f'Sta Luċija, ġewwa l-Iskola Primarja tas-Sannat f'Għawdex, ġewwa laboratorji fi skejjel diversi madwar Għawdex, Ħad Dingli u oħrajn f'Malta;*

   c. *Illi r-rikorrenti għamlu wkoll lill-intimat u kif ġie miftiehem tibjid u kisi fl-Iskola Primarja tal-Belt Valletta u anke binja kompluta ta' Substation ġewwa l-Fortini l-Birgu. Illi x-xogħolijiet kollha saru a piena sodisfazzjoni tal-intimati kif ser jirriżulta waqt il-kawża;*

   d. *Illi l-intimati ħallsu xi partijiet mill-ammonti dovuti lir-rikorrenti għax-xogħolijiet, bejgħ u konsenja tal-proġetti varji li saru iżda ħallew bilanċ li għadu dovut lir-rikorrenti. Illi l-bilanċ dovut huwa indikat f'dokument A anness ma' dana r-rikors ġuramentat;*

   e. *Illi minkejja d-diversi ittri legali mibgħuta u anke laqgħat bejn il-partijiet l-intimati fil-kawża baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;*

3. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara li l-intimati huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont indikat fl-appendiċi anness ma' dana r-rikors ġuramentat u dana in rappresentanza ta' xogħolijiet li saru mir-rikorrenti fuq inkarigu tal-intimati kif spjegat fil-premessi u anke għall-bejgħ u konsenja ta' għamara speċjalizzata f'diversi skejjel;*

ii. *Tillikwida l-ammont fi flus li għandu jkun dovut lir-rikorrenti għax-xogħolijiet minnhom magħmula u anke jekk meħtieġ in kwantu l-bejgħ tal-għamara speċjalizzata f'diversi skejjel bl-opera ta' periti nominandi;*

iii. *Tordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;*

*Bl-ispejjeż, bl-imgħax legali mid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat;*

4. Permezz ta' digriet mogħti fit-tletin (30) t'Awwissu 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, erbatax (14) t'Ottubru 2021, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi;

5. B'risposta ġuramentata datata ħdax (11) t'Ottubru 2021, l-**<u>Hon Dr Justyne Caruana fil-vesti tagħha ta' Ministru ta' l-Edukazzjoni</u>**, eċċepiet:

   a. *Illi, preliminarjament, l-eċċepjenti ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi;*

   b. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċepjenti ma hiex il-leġittimu kontrtadittur tas-soċjeta' attriċi;*

   c. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċepjenti ma tistax tiġi ċċitata in ġudizzju f'materja li tolqot il-Ministeru, u dan ai termini ta' l-Artikolu 17 tal-Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta;*

d. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, mid-DOK A esebit mar-Rikors Maħluf, jidher li s-soċjeta' attriċi qegħda tivvanta ammont ta' flus li ex admissis ma ntbagħatx kont tagħhom – tali pretensjoni għalhekk għandha titqies bħala intempestiva u ċertament mhux dovuta;*

e. *Illi, preliminarjament, jista' jkun li parti mill-ammont pretiż fid-DOK A huwa preskritt ai termini ta' l-Artikoli 2148(a) jew 2148(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

f. *Illi, fil-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li, kif se jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża, l-eċċepjenti ma hiex debitur tas-soċjeta' attriċi;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

6. Finalment, b'risposta ġuramentata datata erbatax (14) t'Ottubru 2021, il-**<u>Foundation for Tomorrow's Schools</u>** (minn issa 'l quddiem *"il-Fondazzjoni intimata"*) eċċepiet:

*Preliminarjament*

a. *Illi l-Foundation for Tomorrow's Schools (min hawn 'il quddiem 'Foundation') hija l-entita' inkorporata skont il-liġi (LPF354) u mhux kif erronjament indikat fir-rikors promotur bħala 'Fondazzjoni għall-iskejjel ta' Għada', u għalhekk għandhom jittieħdu l-azzjonijiet kollha u neċessarji sabiex l-atti jiġu illeġittimizzati u dana inter alia ai termini ta' artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

b. *Illi qed tiġi eċċepita l-intempestivita' tal-azzjoni de minimis fir-rigward ta' parti mill-ammont pretiż, senjatament dak dikjarat li huwa dovut f'Ottubru 2021, meta l-kawża ġiet intavolata f'Awwissu 2021;*

c. *Illi ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, parti mill-ammont pretiż fid-DOK A huwa preskritt ai termini ta' l-artikoli 2148(a) jew 2148(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Mingħajr preġudizzju għas-suespost:*

d. *Illi l-fatti indikati f'paragrafi numru 1 u 2 tar-rikors promotur tas-soċjeta' Aretrop Limited (min hawn 'il quddiem 'ir-rikors') mhux qed jiġu kontestati;*

e. *Illi l-fatti indikati f'paragrafu 3 tar-rikors, filwaqt li mhux qiegħed jiġi kontestat ix-xogħol imwettaq fl-iskola Primarja tal-Belt Valletta, ix-xogħol ġewwa l-Birgu Fortini Substation ma sarx a piena sodisfazzjon tal-intimata Foundation u għalhekk qed jiġi ikkontestat;*

f. *Ili mingħajr preġudizzju għal dak indikat preliminarjament fl-ewwel paragrafu hawn fuq, filwaqt li huwa minnu li tħallas l-ammont ta' €524,970.51 (inkl VAT) da parti tal-Foundation lis-soċjeta' Aretrop Limited kif talvolta indikat f'paragrafu 4 tar-rikors, kif ukoll ulterjorment somma oħra fl-ammont ta' €30,977.31 ġiet intavolata quddiem dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' ċedoli ta' depożitu (kopja tal-irċevuti taċ-ċedoli tad-depożitu annessi u kumplessivament immarkati bħala* ***DOK1****), għajr dan sopraċitat, l-ammont pretiż u indikat Dokumnet A qiegħed jiġi kkontestat;*

g. *Illi ulterjorment, il-fatti u per konsegwenza t-talbiet tas-soċjeta' attriċi qegħdin jiġu kontestati fl-intier tagħhom;*

*Bl-ispejjeż.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti datat ħamsa u għoxrin (25) t'Awwissu 2021, u d-dokument anness miegħu a fol 4 tal-proċess;

8. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Onor Dr Justyne Caruana fil-kwalita' tagħha ta' Ministru tal-Edukazzjoni, datata ħdax (11) t'Ottubru 2021;

9. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Foundation for Tomorrow's Schools datata erbatax (14) t'Ottubru 2021, u rat id-dokumenti annessi magħha a fol 17 *et seq* tal-proċess;

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Santo Portera**, Direttur Maniġerjali tas-soċjeta' rikorrenti, waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021[1];

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Perit Michael Anastasi**, prodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Frar 2022, u rat l-*e-mails* minnu ppreżentati u mmarkati **Dok MA1**[2];

12. Rat illi l-kawża ġiet differita ħames darbiet stante illi kien hemm possibilta' ta' transazzjoni bejn il-partijiet;

13. Fin-nuqqas tal-partijiet illi jittransiġu, il-Qorti kompliet tisma' l-provi;

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Lorenzo Cocidovo**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023[3];

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Steve Portera**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023[4], u rat it-

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 24 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 35 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 116 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 126 *et seq* tal-proċess

tliet dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok SP1 sa SP3** a fol 138 *et seq* tal-proċess;

16. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Santo Portera**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Mejju 2023[5], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MD1**;

17. Rat l-affidavit ta' **Dr Neville Young**, immarkat **Dok NY** a fol 163 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

18. Rat l-affidavit ta' **Maria Cutajar**, immarkat **Dok MC**, a fol 479 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

19. Rat l-affidavit ta' **Brian Giorgio**, immarkat **Dok BG**, a fol 612 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Zerafa**, prodott mill-Ministru għall-Edukazzjoni waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Novembru 2023[6];

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Marbeck Spiteri**, in rappreżentanza tar-**Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili**, prodotta mill-Ministru għall-Edukazzjoni waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar 2024[7];

22. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' attriċi, datata tmintax (18) ta' Marzu 2024, a fol 687 *et seq* tal-proċess;

23. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Ministru tal-Edukazzjoni, datata ħdax (11) t'April 2024, a fol 694 *et seq* tal-proċess;

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Foundation for Tomorrow's Schools, datata tnax (12) t'April 2024, a fol 700 *et seq* tal-proċess;

[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 156 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 677 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 985-986 tal-proċess

25. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

26. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

27. Il-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda għamara illi s-soċjeta' intimata ġiet imqabbda tforni għal diversi skejjel f'Malta u Għawdex, kif ukoll xi xogħol ta' kisi u żebgħa fl-iskola Primarja fil-Belt Valletta u l-kostruzzjoni ta' *substation* fil-Birgu. Skont prospett anness mar-rikors promotur, is-soċjeta' rikorrenti tallega illi huma dovuti mill-intimati s-sewgenti ammonti:

| **Data** | **Ref ta' Kuntratt** | **Proġett** | **Ammont Allegatament Dovut** |
|---|---|---|---|
| Ġunju 2019 | MEDE / MPU / FTS / 001/ 2018 | Għamara – Sta Lucija Secondary School | € 3,720.46 |
| Lulju 2019 | MEDE / MPU / FTS / 038 / 2017 | Għamara – Sannat Primary School | € 1,079.58 |
| Ottubru 2019 | MEDE / MPU / FTS / 016 / 18 | Kisi u Żebgħa – Valletta Primary School | € 7,532.46 |
| Jannar 2020 | CT2068 / 2018 | Għamara – VET Labs | € 76,188.32 |
| Jannar 2020 | FTS / DO / 04 / 05 / 19 | Għamara – VET Labs (Għawdex u Dingli) | € 9,842.69 |
| Settembru 2020 | MPU / FTS / 006 / 19 | Kostruzzjoni ta' *Substation* fil-Birgu | € 61,494.38 |
| | | **TOTAL ALLEGATAMENT DOVUT** | **€ 159,857.89** |

28. Fil-mori tal-proċeduri odjerni, saru tliet (3) pagamenti da parti tal-Fondazzjoni intimata permezz ta' ċedoli ta' depożitu fir-Reġistru tal-Qorti:

- Pagment ta' **€ 7,418.05** permezz ta' ċedola numru 1894/2021 (a fol 18 tal-proċess);
- Pagament ta' **€ 23,559.26** permezz ta' ċedola numru 1879/2021 (a fol 19 tal-proċess);
- Pagament ta' **€ 3,720.46** permezz ta' ċedola numru 1048/2021 (a fol 698 tal-proċess);

29. Jirriżulta għalhekk illi l-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti huwa, preżentement, **€ 125,224.52**, u kwalsiasi imgħax illi jista' jkun dovut fuq dan l-ammont. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tgħid illi qiegħda titlob imgħax mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur sad-data tal-effettiv pagament[8];

30. Qabel tindaga l-mertu tal-każ odjern, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom:

## A. <u>Il-Ministru tal-Edukazzjoni mhux il-Leġittimu Kontradittur</u>

31. Il-Ministru tal-Edukazzjoni, illi meta ġiet intavolata l-kawża kienet l-Onor. Dr Justyne Caruana, eċċepiet illi hija ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi, u li mhix il-leġittima kontradittriċi tas-soċjeta' attriċi;

32. Dwar dak illi għandu jiġi kkonsidrat leġittimu kontradittur, ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***[9]:

> *Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-*

[8] A fol 691 tal-proċess

[9] Ċit Nru 1365/92, Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 2001. Vide wkoll, *inter alia,* Rik Ġur 1233/2012, ***Keith Catania et vs Jean Pierre Debattista et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), STO Prim Imħallef M Chetcuti, 29 t'April 2021 (in ġudikat); Rik Nru 177/2014, ***Elton Taliana vs Onor Min għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali et***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 20 ta' Lulju 2020; u Rik Nru 252/2017, ***Carmelo sive Charles Bianco et vs Jeremy James Camilleri***, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġ R Montebello, 8 t'Ottubru 2020 (in ġudikat)

*oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet atrtiċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

33. Mill-assjem tal-provi jirriżulta illi l-kuntratti mertu tal-każ odjern kienu jorbtu lis-soċjeta' rikorrenti u l-Fondazzjoni intimata. Hekk per eżempju f'Contract Ref CT 2068/2018 deher id-Dipartiment tal-Kuntratti għan-nom tal-istess Foundation (**Dok NY7** a fol 210 *et seq* tal-proċess), filwaqt illi f'Contract Ref FTS D0 04-05-19 dehret il-Fondazzjoni intimata innifisha (**Dok NY8** a fol 428 *et seq* tal-proċess);

34. Fil-każ fejn dehret il-Ministru għal Għawdex, dan kien *"on behalf of Foundation for Tomorrow's Schools"*. Hekk, infatti, huwa Contract Ref MEDE/MPU/FTS/006/2019 a fol 481 *et seq* tal-proċess. Mistoqsi għalfejn tħarrket il-Ministru għall-Edukazzjoni, **Santo Portera** jgħid, *"The contract for Birgu was practically, so we have three contracts with..., two or three contracts, two I think contracts were signed by ... at the department of the contracts, the contract for Birgu was signed by the ministry of education [...]"*[10]. Ix-xhud, iżda, mhux preċiż fattwalment, stante illi effettivament il-Ministru għall-Edukazzjoni ffirmat għan-nom tal-Fondazzjoni intimata, u mhux fil-vesti tagħha proprja. In oltre, l-istess xhud jagħmel referenza għal laqgħa illi jidher illi saret fl-uffiċċju tal-Ministru għall-Edukazzjoni illi dak iż-żmien kienet l-Onor Dr Justyne Caruana; madanakollu, huwa l-istess xhud stess illi jgħid ukoll illi kien Dr Neville Young, u cioe dak illi llum jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni intimata, illi qal illi ma kienx hemm problemi rigward pagamenti pendenti, b'tali mod u manjiera illi deher illi kienet il-Fondazzjoni intimata illi kienet qed tgħaddi l-pagamenti. Huwa evidenti għalhekk lil din il-Qorti illi kienet il-Foundation illi kellha relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' rikorrenti, u mhux il-Ministru għall-Edukazzjoni;

35. Finalment, il-premess huwa wkoll konfermat minn **Joseph Zerafa**, xhud illi jokkupa l-kariga ta' Senior Manager fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Sports, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni u jieħu ħsieb *tenders* tal-Ministeru. Mistoqsi dwar il-kuntratti mertu tal-kawża odjerna, ix-xhud jgħid, *"Din tender ta' FTS u b'hekk il-Ministeru fl-ebda mod ma qabad ix-xogħlijiet ARETROP Limited. Il-Ministeru kien iffirma l-kuntratt biss pero' b'mod ċar*

[10] A fol 157 tal-proċess

*on behalf of FTS."* Ikompli jgħid, *"Kemm il-Ministru tal-Edukazzjoni u anke Ministru ta' dak iż-żmien ma rċevew l-ebda ittra bil-Qorti mingħand ARETROP Ltd għal xi sejħa ta' ħlasijiet"*, filwaqt illi jsostni, *"l-Ministru tal-Edukazzjoni bl-ebda mod huwa debitur tal-ARETROP Ltd, u ma jafu l-ebda ħlasijiet. Kwalunkwe kwistjoni fuq dan il-kuntratt hija bejn FTS u ARETROP Ltd."*[11]

36. Din il-Qorti hija għalhekk sodisfatta illi ġie pruvat illi l-Ministru tal-Edukazzjoni ma kinitx involuta fl-istorja illi wasslet sabiex ġiet intavolata l-kawża odjerna. Il-Qorti sejra għalhekk **<u>tilqa'</u>** l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati minnha, u filwaqt illi tillibera lill-Ministru tal-Edukazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju, **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-risposta ġuramentata tagħha.

**B. <u>Il-Preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148(a) u 2148(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

37. Fit-tielet eċċezzjoni tagħha, il-Fondazzjoni intimata tgħid illi parti mill-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti huwa preskritt ai termini tal-Artikoli 2148(a) jew 2148(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

38. L-Artikoli 2148(a) u (b) jistabbilixxu illi:

> *2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*

[11] A fol 677 *et seq* tal-proċess

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

39. Din il-Qorti sejra tibda billi tindaga jekk effettivament tapplikax l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għall-każ odjern:

40. Ġie senjalat fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited***[12]:

> *Din il-Qorti ma tistax ma taqbelx mal-indirizz segwit fil-precitati decizjonijiet u, anzi hi wkoll tammetti bhala proposizzjoni guridika korretta t-teorija propunjata minn awturi bhal* **Aubry et Rau** *(Vol VIII para 776) u t-* **Troplong** *("Prescrizione" No 67) illi "quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione".*
>
> *Kif manifest minn dawn is-sentenzi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqala'* (sic) *l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn, bhal fil-kaz de quo, l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu (bhal fil-kaz a* ***Vol XXVIII pI p297 u Vol XXXIX pI p54****) jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta. Ara a propositu Kollez* ***Vol XXXIV pI***

[12] Appell Ċivili Nru 258/2002/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 28 t'April 2004

***p326*** *u "**Raymond Vella –vs- Moby Rentals Ltd**", App, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001.*

41. Issa fil-każ odjern, il-Fondazzjoni intimata teċċepixxi illi x-xogħol fil-Birgu *sub-station* ma sarx a piena sodisfazzjon tagħha, kif ukoll illi l-ammont pretiż f'Dok A anness mar-rikors promotur qed jiġi kontestat;

42. Fl-ewwel lok jiġi senjalat illi jirriżulta lil din il-Qorti illi l-bilanċ pretiż mis-soċjeta' rikorrenti għall-kuntratt bir-referenza MEDEMPU/FTS/001/2018 fl-ammont ta' € 3,720.46 ġie saldat b'pagament illi l-Fondazzjoni intimata għamlet permezz ta' ċedola ta' depożitu fir-Reġistru tal-Qorti (ċedola nru 1048/2024), kif dikjarat a fol 698 tal-proċess u mhux kontestat mis-soċjeta' rikorrenti;

43. Fit-tieni lok, din il-Qorti rat illi, saħansitra anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-Fondazzjoni intimata tat raġunijiet *"għan-nuqqas ta' ħlas da parti tal-esponenti lis-soċjeta' rikorrenti"*. Dan wara illi tul il-proċeduri kollha bbażat id-difiża tagħha fuq il-fatt illi x-xogħol fornit u effettwat mis-soċjeta' rikorrenti ma kienx skont l-ispeċifikazzjonijiet mifthiema, u li għalhekk ma kinux dovuti l-ammonti kif pretiżi mis-soċjeta' rikorrenti;

44. Mill-premess jirriżulta illi l-Fondazzjoni intimata essenzjalment ma kinitx qed tinnega l-fatt illi kienu dovuti ħlasijiet lis-soċjeta' rikorrenti, iżda kienet qiegħda tikkontesta biss l-ammonti pretiżi. Infatti, kienet il-Fondazzjoni intimata stess illi għamlet pagamenti fil-mori tal-kawża odjerna. Din il-Qorti tqis għalhekk illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-Fondazzjoni intimata, u dan stante illi l-Fondazzjoni intimata, kemm permezz tal-eċċezzjonijiet l-oħra minnha sollevati fil-mertu, u kif ukoll bl-attitudni tagħha fil-mori tal-kawża odjerna, uriet illi hija ma kinitx qed teċċepixxi l-ineżistenza tad-debitu, jew iċ-ċaħda tad-dritt tas-soċjeta' rikorrenti għall-ħlas, iżda kienet qiegħda biss tikkontesta l-ammont pretiż;

45. Għar-raġunijiet hawn mogħtija, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** it-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Fondazzjoni intimata.

**C. <u>Intempestivita' tal-Azzjoni</u>**

46. Fit-tieni eċċezzjoni tagħha, il-Fondazzjoni intimata teċċepixxi l-intempestivita' tal-azzjoni *de minimis* fir-rigward tal-parti mill-ammont pretiż għal dak illi huwa dovut f'Ottubru 2021, meta l-kawża ġiet intavolata f'Awwissu 2021. Ħarsa lejn il-prospett anness mar-rikors promotur bħala **Dok A**, jagħti lil din il-Qorti x'tifhem illi din l-eċċezzjoni hija indirizzata lejn il-fatt illi, fil-linja illi tirrigwarda l-kuntratt b'referenza *MEDE/MPU/FTS/016/18,* is-soċjeta' rikorrenti ssenjalat illi kienet għadha qed tippretendi ħlas ta' €7,532.46 għal *"Plastering & Painting Valletta Primary School (retention 5%) due in October 21"*;

47. Madanakollu, fl-affidavit tiegħu, **Brian Giorgio**, fil-kwalita' tiegħu ta' *Head of Finance & Corporate Services* tal-Fondazzjoni intimata, jgħid illi l-pagament illi ġie depożitat il-Qorti fis-somma ta' €7,532.46 (VAT inkluż) jirrappreżenta r-*retention money* li ġie dovut lis-soċjeta' rikorrenti wara l-ftuħ tal-kawża;

48. Anke f'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni sollevata mill-Fondazzjoni intimata hija inkompatibbli mal-aġir tagħha fil-mori tal-kawża, bil-konsegwenza illi l-istess eċċezzjoni la tista', fil-fehma tal-Qorti, tiġi kkunsidrata, u wisq u wisq inqas tista' tiġi milqugħa;

49. Din il-Qorti sejra għalhekk **<u>tiċħad</u>** it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Fondazzjoni intimata.

**C. <u>Mertu tal-Kawża</u>**

50. Indirizzati l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Fondazzjoni intimata, din il-Qorti sejra issa tgħaddi għal eżami tal-kawża fil-mertu. Għall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti sejra tikkonsidra kull kuntratt taħt kap separat:

- *Kuntratt Ref Nru **MEDE/MPU/FTS/001/2018**: Furniture for Principal's Office, St Thomas More College, St Luċija Secondary School*

51. L-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti skont il-prospett anness bħala **Dok A** mar-rikors promotur, huwa dak ta' **€3,720.46.** Hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, skont nota datata ħdax (11) t'April 2024, din is-somma ġiet depożitata fil-Qorti mill-Fondazzjoni intimata permezz taċ-ċedola bin-numru ta' referenza 1048/2024. Gialadarba dan il-punt ma ġiex kontestat mis-soċjeta' rikorrenti, din il-Qorti sejra tqis illi s-somma pretiża mis-soċjeta' rikorrenti fuq dan il-kuntratt m'għadhiex dovuta.

- *Kuntratt Ref Nru **MEDE/MPU/FTS/038/2017**: Furniture for Sannat Primary School, Gozo*

52. L-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti skont il-prospett anness bħala **Dok A** mar-rikors promotur, huwa dak ta' **€1,079.58.** Dan bħala bilanċ rimanenti mis-somma kumplessiva ta' €35,282.68;

53. Skont **Dok BG02** anness mal-affidavit ta' **Brian Giorgio**[13] id-differenza bejn is-somma kumplessiva pretiża mis-soċjeta' rikorrenti (€35,282.68), u s-somma kumplessiva illi l-Fondazzjoni intimata tallega illi hija dovuta lis-soċjeta' rikorrenti fuq dan il-kuntratt (€34,203.10) tirrappreżenta għamara fis-somma ta' €950 (VAT eskluż u qabel titnaqqas is-somma l-assikurazzjoni) illi ma jidhirx illi ġiet ċertifikata mill-Fondazzjoni intimata;

[13] A fol 636 tal-proċess

54. Din il-Qorti rat illi ma nġabet l-ebda prova da parti tas-soċjeta' rikorrenti dwar jekk effettivament din l-għamara f'valur ta' €950 ġietx konsenjata, stante illi ma tissemma mkien fil-provi prodotti, la mis-soċjeta' rikorrenti u lanqas mill-Fondazzjoni intimata. L-għamara illi l-Fondazzjoni intimata qed tallega illi kienet difettuża kienet għamara supplita fi Skejjel Sekondarji, filwaqt illi l-kuntratt in eżami kien jittratta għamara fornita fi Skola Primarja. Din il-Qorti tqis għalhekk illi dan mhux wieħed mill-każijiet fejn qed jiġi allegat illi l-għamara fornita ma kinitx tal-kwalita' pattwita. Fl-istess ħin, iżda, lanqas tressqet xi prova illi tikkorrabora s-somma pretiża mis-soċjeta' rikorrenti;

55. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tikkonsidra s-somma dovuta lis-soċjeta' rikorrenti bħala waħda illi ġiet saldata, u tiddikjara illi m'huwa dovut l-ebda bilanċ lis-soċjeta' rikorrenti fuq dan il-kuntratt.

- <u>*Kuntratt Ref Nru **MEDE/MPU/FTS/016/18***</u>*: <u>Plastering and Painting Valletta Primary School</u>*

56. L-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti skont il-prospett anness bħala **Dok A** mar-rikors promotur, huwa dak ta' **€ 7,532.46**;

57. Mill-affidavit ta' **Brian Giorgio**[14] jirriżulta illi l-Fondazzjoni intimata tirrikonoxxi illi kienet dovuta din is-somma, rappreżentanti *retention money*, lis-soċjeta' rikorrenti, stante illi Giorgio jgħid illi din is-somma ġiet depożitata l-Qorti permezz ta' ċedola, u li m'hemmx aktar bilanċi x'jitħallsu fuq dan il-kuntratt;

58. Madanakollu, din il-Qorti rat illi s-somma li ġiet depożitata l-Qorti kienet dik ta' €7,418.05[15]. Konsegwentement jirriżulta lil din il-Qorti illi hemm diskrepanza ta' €114.41 illi m'humiex *accounted for*. Gialadarba l-Fondazzjoni intimata ma jidhirx illi qiegħda tikkontesta l-fatt illi din is-

[14] A fol 612 tal-proċess
[15] Vide rċevuta a fol 18 tal-proċess

somma hija dovuta, u gialadarba ma nġabet l-ebda prova illi effettivament is-somma tħallsiet fl-intier tagħha, din il-Qorti tqis illi għadu dovut fuq dan il-kuntratt ħlas lis-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' **<u>€114.41</u>**.

- <u>*Kuntratt Ref Nru **CT2068/2018***</u>*: <u>Furniture for VET Labs for Various State Secondary Schools</u>*

59. L-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti skont il-prospett anness bħala **Dok A** mar-rikors promotur, huwa dak ta' **€76,188.32**;

60. L-ammont globali reklamat mis-soċjeta' rikorrenti għal għamara fornita skont dan il-kuntratt huwa ta' €265,932.59. Skont il-*Final Payment Certificate* anness mal-affidavit ta' **Brian Giorgio** u mmarkat **Dok BG04** a fol 645 *et seq* tal-proċess, kienet dovuta lis-soċjeta' rikorrenti fuq dan il-kuntratt is-somma globali ta' €219,009.55, illi minnha 5% (€10,950.48) huma *retention money*. Il-Fondazzjoni intimata jidher illi għamlet numru ta' pagamenti qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna, fl-ammont globali ta' €189,744.27, u sussegwentement iddepożitat pagament ieħor fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola, fis-somma ta' €18,314.81. Fin-nuqqas ta' ċedola f'dan l-ammont, din il-Qorti tqis illi din is-somma kienet parti mis-somma depożitata fiċ-ċedola bir-referenza numru 1879/2021[16]. Il-Qorti tinnota illi l-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti f'**Dok A** huwa l-ammont qabel ġew depożitati l-flus il-Qorti, stante illi f'**Dok A** s-soċjeta' rikorrenti tiddikjara illi l-Fondazzjoni intimata ħallset biss is-somma ta' €189,744.27;

61. Fl-ewwel lok, din il-Qorti għandha tara liema hija s-somma globali dovuta, u cioe hux €265,932.59 kif pretiż mis-soċjeta' rikorrenti, jew €219,009.55 kif dikjarat mill-Fondazzjoni intimata;

62. Fl-affidavit tiegħu[17], **Dr Neville Young** jelenka numru ta' difetti illi kien hemm fl-għamara fornita mis-soċjeta' rikorrenti, u jsostni illi l-kwalita' ta' din

[16] A fol 19 tal-proċess
[17] A fol 165 tal-proċess

l-għamara kienet inferjuri għal dik mifthiema, b'dana illi l-Fondazzjoni intimata ħasset illi ma kellhiex tħallas għal dawn il-prodotti. Dr Young jgħid illi dawn id-difetti ġie a konjizzjoni tagħhom meta, wara laqgħa illi huwa kellu ma rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti f'Diċembru 2020, qabbad lill-*Quantity Surveyor* Samuel Dimech sabiex iżur id-diversi laboratorji VET, u jagħtih rendikont tekniku dwar il-pożizzjoni tal-Fondazzjoni f'dan ir-rigward;

63. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' rikorrenti ssostni illi din l-għamara ġiet konsenjata f'Diċembru 2018 / Jannar 2019, skont l-*e-mail* spedita minn Steve Portera lil rappreżentanti tal-Fondazzjoni intimata fis-17 ta' Diċembru 2018, esebita a fol 138 tal-proċess, u ma tistax il-Fondazzjoni intimata tippretendi illi ma tħallasx għal għamara illi damet tiġi użata sentejn qabel ma ġiet rifjutata;

64. Din il-Qorti tirrileva illi s-soċjeta' rikorrenti għandha raġun. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Azzopardi vs Francis sive Frans Azzopardi***[18]:

> *Kif inhu sew maghruf, ix-xerrej ghandu f'qaghda bhal din id-dritt li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-ftehim meta l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim. Skond certa gurisprudenza, dan avolja jkun irceva l-oggett tal-bejgh. B'danakollu, din l-istess gurisprudenza ma naqsetx milli zzid b'kawtela illi tali dritt jibqa' jissussisti "se non perduto per fatto e volonta` propria od altro disposto di legge". Ara "***Banchiere Giuseppe Scicluna -vs- Andrea Fenech***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Lulju 1888 u "***Direttur ta' lAgrikoltura u Sajd -vs- Henry Attard et nomine***", Appell, 21 ta' April, 1997;*
>
> *Issokta jigi spjegat illi biex jezercita dak ir-rimedju fit-termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili il-kompratur*

[18] Appell Ċivili Nru 718/2005/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 3 t'Ottubru 2008

*m'ghandux, u ma jistax, bl-azzjoni tieghu stess jippregudika tali dritt. "Ir-rifjut ta' l-oggett u t-talba ghall-hlas ta' danni jimportaw li l-oggett mibjugh jigi ritornat lill-venditur, nehhi f'dawk il-kazijiet eccezzjonali fejn dan ikun fizikament impossibbli. Certament il-kompratur ma jistax jirrifjuta l-oggett filwaqt li jibqa' jzommu taht il-kontroll tieghu, jaghmel uzu minnu u forsi anke, kif hu allegat f'dan il-kaz, jiddisponi minnu" ("***Nazzareno Cauchi et nomine - vs- Joseph Baldacchino et nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997). Gja nofs seklu qabel din is-sentenza kien inghad illi x-xerrej li ma jkunx irid jaccetta l-merkanzija ma jistax izommha ghandu u meta jigi mharrek ghall-pagament jippretendi li jirritornaha lill-venditur billi jallega li l-merkanzija mhix ta' kwalita tajba. Ara "***Neg. Frank Borg -vs- Paul Bondin***", Appell Kummercjali, 30 ta' Gunju, 1947;*

*Dejjem in tema nghad ukoll illi "wiehed mill-principji li jirregolaw il-materja meta l-merkanzija tkun baqghet f'idejn ix-xerrej, li ma jkunx ikkura ruhu li jiddepozitaha, hu li ebda reklam ma jista' jsir jekk mhux res adhuc integra". Ara "***Lorenzo Buttigieg -vs- Henry Hirst nomine***", Appell Civili, 16 ta' Frar, 1945, "***Carmel Bajada et nomine -vs- Alfred Salomone nomine***", Appell Civili, 23 ta' Mejju, 1960 u "***William Rizzo nomine -vs- Victor Zammit***", Appell, 15 ta' Dicembru, 1997;*

65. Ma jistax jingħad illi l-ilmenti tal-Fondazzjoni intimata saru meta l-għamara kienet għadha *res adhuc integra*, stante illi dawn kienu jintużaw fl-iskejjel illi fihom ġew installati. Lanqas jista' jingħad illi l-Fondazzjoni intimata ma setgħetx tinduna bid-difetti illi kien fiha l-għamara, stante illi d-difetti allegati fl-affidavit ta' Dr Young huma difetti illi jidhru, bħal, per eżempju, sinkijiet kwadri jew għat-tond flok sinkijiet rettangolari, jew imwejjed illi ma ġewx installati skont it-*technical specifications*. Ma tistax, per eżempju, din il-

Qorti tifhem kif tista' l-Fondazzjoni intimata, wara illi l-għamara kienet ilha tintuża sentejn, tilmenta illi numru ta' mwejjed ġew mibruxa mal-konsenja jew mal-installazzjoni;

66. Dan premess, iżda, din il-Qorti rat illi filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti qed tirreklama s-somma globali ta' €265,932.59, din is-somma lanqas taqbel mas-somma globali illi kellha titħallas skond il-Fondazzjoni intimata. Difatti, skont **Dok BG04**, l-ammont ritenut minnha għal difetti fl-għamara huwa fis-somma ta' €25,880, illi, miżjuda mal-ammont għal għamara illi biha l-Fondazzjoni intimata hija sodisfatta, twassal għas-somma globali ta' €244,889.08, liema somma tinkludi wkoll ir-*retention money*. Il-Qorti qieset illi filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti tiddikjara s-somma minnha pretiża mingħajr ma tispjega eżattament x'tinkludi tali somma, il-Fondazzjoni intimata tippreżentalha *spreadsheet* bid-dettalji u l-prezzijiet kollha, kif ukoll il-*Final Payment Certificate*, b'dana illi l-Qorti tqis illi hija aktar kredibbli u ġiet pruvata b'mod bil-wisq aktar sodisfaċenti s-somma kumplessiva dovuta lis-soċjeta' rikorrenti mill-Fondazzjoni intimata. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tagħmel il-kalkoli tagħha fuq is-somma globali ta' €244,889.08;

67. Il-Qorti rat illi mhux qiegħed jiġi kontestat illi l-Fondazzjoni intimata għamlet pagamenti akkont fis-somma ta' €189,744.27, u ddepożitat ukoll is-somma ta' €18,314.81 fil-Qorti. Għaldaqstant jirriżulta lil din il-Qorti illi għadha dovuta mill-Fondazzjoni intimata lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' **<u>€36,830</u>** fuq dan il-kuntratt.

- <u>*Kuntratt Ref Nru **FTS/DO/04/05/19**: Furniture for VET Labs Gozo & Dingli Secondary Schools*</u>

68. L-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti skont il-prospett anness bħala **Dok A** mar-rikors promotur, huwa dak ta' **€9,842.69**, bħala bilanċ rimanenti mis-somma globali ta' €50,496.27;

69. **Brian Giorgio**, fl-affidavit tiegħu, jgħid illi l-Fondazzjoni intimata għaddiet tliet pagamenti lis-soċjeta' rikorrenti fis-somma globali ta' €46,230.57 (VAT inkluż), liema somma tinkludi s-somma ta' €5,766.99 (VAT inkluż) illi ġiet depożitata l-Qorti. Din il-Qorti, iżda, tinnota illi f'**Dok BG05**[19], il-*Final Payment Certificate* juri illi l-ħlas illi ġie depożitat il-Qorti kien fis-somma ta' €5,576.99. Kemm **Dok BG05**, kif ukoll il-prospett anness mar-rikors promotur bħala **Dok A**, jindikaw illi kienu saru pagamenti akkont lis-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' €40,653.58. Meta titnaqqas din is-somma mis-somma ta' €46,230.57, tibqa' s-somma ta' €5,576.99. Din il-Qorti sejra għalhekk tikkonsidra illi din hija s-somma illi ġiet depożitata l-Qorti, u mhux dik indikata fl-affidavit ta' Giorgio;

70. In oltre, imbagħad, meta mis-somma depożitata l-Qorti permezz taċ-ċedola bir-referenza numru 1879/2021[20] fl-ammont ta' €23,559.26 titnaqqas is-somma ta' €18,314.81 skont il-kuntratt bir-ref nru CT 2068/18, jibqa' s-somma ta' €5,244.45, u cioe la dik indikata fl-affidavit ta' Giorgio, u lanqas dik indikata fuq il-Final Payment Certificate. Dan ifisser illi, meħuda s-somma ta' €5,576.99, jibqa' diskrepanza ta' €332.54 illi l-Fondazzjoni intimata tgħid illi ġew depożitati l-Qorti iżda effettivament ma jirriżultax lil din il-Qorti illi ġew hekk depożitati;

71. Din il-Qorti rat illi, bħal fil-każ tal-kuntratt bir-ref nru CT 2068/2018, id-differenza bejn is-somma globali reklamata mis-soċjeta' rikorrenti (€50,496.27) u dik komputata mill-Fondazzjoni intimata (€46,230.57), hija s-somma dovuta għal xogħol illi l-Fondazzjoni intimata mhix taċċetta minħabba difetti. Dan kif jirriżulta mill-affidavit ta' Dr Young kif spjegat fil-każ tal-kuntratt bir-Ref Nru CT 2068/2018, u minn **Dok BG05**;

72. F'dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni dwar id-difetti fl-għamara, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi rriteniet fil-każ tal-kuntratt bir-Ref Nru CT 2068/2018, u tapplikah ukoll għall-kuntratt in eżami a skans ta' repetizzjoni inutili;

[19] A fol 651 *et seq* tal-proċess
[20] A fol 19 tal-proċess

73. Konsegwentement, din il-Qorti tqis illi għal dan il-kuntratt hija għalhekk dovuta lis-soċjeta' rikorrenti s-somma kumplessiva ta' €50,496.27. Wara illi minn din is-somma titnaqqas is-somma ta' €40,653.58 diġa mħallsa, u s-somma ta' €5,244.45 depożitata l-Qorti, jibqa' bilanċ ta' **€4,598.24**.

- *Kuntratt Ref Nru **MEDE/MPU/FTS/006/2019**: Construction of a Sub-Station using Environmentally-Friendly Products at Birgu Fortini School (Malta)*

74. L-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti skont il-prospett anness bħala **Dok A** mar-rikors promotur, huwa dak ta' **€61,494.38**. Dan huwa l-bilanċ li qiegħda tippretendi s-soċjeta' rikorrenti wara illi mis-somma ta' €108,058.44 (VAT inkluż), il-Fondazzjoni intimata ħallset is-somma ta' €46,564.06 (VAT inkluż);

75. Mill-*e-mail* ta' Santo Portera esebita mill-Perit Michael Anastasi a fol 43 tal-proċess, din il-Qorti tikkonkludi illi s-somma ta' €108,058.44 tirrappreżenta in kwantu għas-somma ta' €67,940.61 ix-xogħol skont il-Bill of Quantities a fol 57 tal-proċess, u in kwantu għas-somma ta' €23,634.34 modifikazzjonijiet skont il-kont a fol 56 tal-proċess. Ir-rimanenti jirriżulta illi huwa VAT fuq l-ammont globali bir-rata ta' 18%;

76. Jirriżulta mix-xhieda tal-**Perit Michael Anastasi**[21] u l-*e-mails* minnu esebiti[22] illi sakemm kien għaddej ix-xogħol fuq is-*sub-station*, kien hemm xi xogħolijiet u materjal illi ma kinux inklużi fit-tender oriġinali, b'dana illi kellhom isiru diversi talbiet għal modifikazzjonijiet skont il-kuntratt illi permezz tiegħu ġiet inkarigata tagħmel ix-xogħol is-soċjeta' rikorrenti. Infatti, l-*e-mails* suriferiti juru skambju ta' kwotazzjonijiet u talbiet għal approvazzjonijiet da parti tal-Perit Michael Anastasi lil diversi impjegati tal-Fondazzjoni intimata;

[21] A fol 35 *et seq* tal-proċess
[22] A fol 43 *et seq* tal-proċess

77. Huwa interessanti illi **Dr Neville Young**, fl-affidavit tiegħu[23], ma jikkontestax il-fatt illi huwa dovut xi ħlas lis-soċjeta' rikorrenti per se, iżda jsostni biss illi l-ħlas ma setax isir għaliex kienu jonqsu xi approvazzjonijiet min-naħa tal-Fondazzjoni intimata, kif ukoll kien hemm nuqqasijiet lampanti ta' osservanza ta' regoli u l-proċeduri tal-akkwist pubbliku ai termini tal-LS 601.02 u kif ukoll tad-dispożizzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet ai termini tal-kuntratt rispettiv. Huwa jsostni illi l-approvazzjoni għal modifiki fuq il-kuntratt t'appalt minn impjegati tal-Fondazzjoni, inkluż l-Inġinier Simon Scicluna, ma kienx proċeduralment u legalment korrett, stante illi, skont il-Guidance Note Nru 12 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti, kien meħtieġ l-approvazzjoni bil-miktub a priori tas-Segretarju Permanenti u/jew tal-Kap tal-Awtorita' kontraenti (illi dak iż-żmien kien Michael Sant);

78. Dwar modifikazzjonijiet għall-ftehim pattwit fil-kuntratt oriġinali, il-Klawsola 35 tal-kuntratt relattiv[24] kienet tistipola:

> *35.9 The Contracting Authority will have the right to instruct additional works up to a maximum of 50% of the contract value which have become necessary for the purpose of achieving the scope of the contract. Before ordering additional works the Contracting Authority shall obtain the approval of the Permanent Secretary for the rates to be used. Such works would be resulting from alterations needed in the structure due to technological advancements.*

79. Fil-każ odjern, il-kuntratt kellu valur ta' €52,897, b'dana għalhekk illi setgħu jiġu approvati modifikazzjonijiet sal-valur ta' €26,448.50. Fl-affidavit tagħha[25], **Maria Cutajar** tgħid illi kien hemm xogħolijiet fl-ammont ta' €17,969.25 (VAT eskluż) illi ġew approvati mill-Fondazzjoni permezz ta'

[23] A fol 163 tal-proċess
[24] Esebit a fol 481 *et seq* tal-proċess
[25] A fol 479-480 tal-proċess

*Modification Form*[26], u xogħolijiet fl-ammont ta' €5,665.09 (VAT eskluż) illi, għalkemm ġew approvati informalment fi skambju t'*e-mails*, ma ġewx approvati b'mod formali b'*Modification Form*. Meqjusa b'mod globali, dawn iż-żewġ somom iwasslu għall-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti għal modifikazzjonijiet, u cioe s-somma ta' €23,634 (VAT eskluż). Ġie nnotat minn din il-Qorti illi s-somma ta' €23,634 (VAT eskluż) kienet somma illi qabel magħha wkoll l-Quantity Surveyor tal-Fondazzjoni intimata Clint Cardona, skont l-*e-mails* esebiti mill-Perit Anastasi[27];

80. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti tqis illi, skont il-Klawsola 35, kienet il-Fondazzjoni intimata illi kellha titlob l-awtorizzazzjoni tas-Segretarju Permanenti jew tal-Kap tal-Awtorita', u mhux is-soċjeta' rikorrenti. Jekk il-Fondazzjoni intimata naqset milli ġġib l-awtorizzazzjoni relattiva, dan kien nuqqas da parti tagħha, u m'għandhiex tbati għalih is-soċjeta' rikorrenti, aktar u aktar meta parti mis-somma pretiża għal modifikazzjonijiet mis-soċjeta' rikorrenti kienet saħansitra ġiet approvata permezz tal-*Modification Form* intiża preċiżament għal dan il-għan. Il-Qorti rat illi l-*Modification Form* mhux talli ġiet iffirmata mill-Quantity Surveyor, Chief of Implementation u Head of Procurement tal-Fondazzjoni intimata, iżda talli ġiet saħansitra ffirmata mic-Chairman tal-Awtorita', Mr Michael Sant. Ma tarax din il-Qorti għalfejn is-soċjeta' rikorrenti kellha tiddubita l-approvazzjoni tal-Fondazzjoni intimata għall-modifikazzjonijiet, mill-inqas sas-somma ta' €17,969.25;

81. Mill-kumplement, f'dik illi hija s-somma ta' €5,665.09, din il-Qorti tasal tikkonċedi lill-Fondazzjoni intimata illi tali xogħolijiet ma ġewx approvati b'mod finali mill-Fondazzjonijiet intimata, stante illi biss biss ma nġabet l-ebda prova illi l-partijiet irrediġew b'mod formali dak illi kienu qablu dwaru b'mod informali. Infatti, f'waħda mill-aħħar *e-mails* spedita lill-Perit Anastasi mill-Quantity Surveyor f'sensiela t'*e-mails* dwar dawn il-modifikazzjonijiet, datata 14 ta' Settembru 2020[28], Cardona ddikjara, *"As*

[26] **Dok MC04** a fol 585 tal-proċess
[27] A fol 58 tal-proċess
[28] A fol 47a tal-proċess

*you know the bill is ready from my end but cannot send you the final certificate now since we still need to get the necessary approvals / endorsements for the additional works done. I will present the bill to my superiors today and once approval is received I will send you the final certificate accordingly."* Madanakollu, l-approvazzjoni msemmija fl-istess *e-mail* ma tirriżultax mill-proċess;

82. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi, fir-rigward tal-kuntratt għall-bini tas-*sub-station* tal-Birgu, huwa dovut lis-soċjeta' rikorrenti s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Xogħol skont il-Kuntratt t'Appalt (skont il-kont a fol 57 tal-proċess) | € 67,804.73 |
| Modifiki approvati (skont il-*Modification Form* a fol 585 tal-proċess) | € 17,969.25 |
| **Total (VAT eskluż)** | **€ 85,773.98** |
| VAT | € 15,439.32 |
| **Total (VAT inkluż)** | **€ 101,213.30** |
| *Pagament mill-FTS* | *( € 46,564.06 )* |
| **Bilanċ Dovut lis-Soċjeta' Rikorrenti** | **€ 54,649.24** |

83. Għaldaqstant, in konklużjoni, din il-Qorti tirrileva illi huma dovuti lis-soċjeta' rikorrenti mill-Fondazzjoni intimata s-segwenti pagamenti:

| | |
|---|---|
| MEDE/MPU/FTS/001/2018 | Nil |
| MEDE/MPU/FTS/038/2017 | Nil |
| MEDE/MPU/FTS/016/18 | € 114.41 |
| CT2068/2018 | € 36,830 |

| | |
|---|---|
| FTS/DO/04/05/19 | € 4,598.24 |
| MPU/FTS/006/19 | € 54,649.24 |
| **TOTAL** | **€ 96,191.89** |

84. F'dak illi jirrigwarda **imgħax** fuq din is-somma, din il-Qorti rat illi s-soċjeta' rikorrenti qed titlob kumpens mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur, ai termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi s-soċjeta' rikorrenti m'għandhiex raġun, stante illi anke jekk hija annettiet prospett bl-ammont minnha pretiż mar-rikors promotur, it-tieni talba hija għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti. Konsegwentement japplika l-prinċipju *in illiquidis non fit mora*, gialadarba s-soċjeta' rikorrenti ma talbitx ammont likwidat per se[29]. Dan b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi l-Qorti varjat l-ammont minn dak pretiż mis-soċjeta' rikorrenti għal ammont iżgħar. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tordna illi l-imgħax jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza, sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

1. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

    i. **Tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari** tal-Onor Ministru għall-Edukazzjoni u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

    ii. **Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada;

[29] Vide Rik Nru 399/2017/1, *Joseph sive Josef Grech et vs Joseph Chetcuti et*, Qorti tal-Appell (Superjuri), 12 ta' Lulju 2023

iii. **<u>Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti</u>** u tiddikjara li l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma likwidata ta' **sitta u disgħin elf, mija u wieħed u disgħin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€96,191.89)** rappreżentanti xogħolijiet li saru mis-soċjeta' rikorrenti fuq inkarigu tal-intimati kif spjegat fil-premessi u anke għall-bejgħ u konsenja ta' għamara speċjalizzata f'diversi skejjel;

iv. **<u>Tilqa' t-tielet talba rikorrenti</u>** u tordna lill-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma hekk likwidata, bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**